PERSUNAĠĠ

# Monsinjur Ġużepp Busuttil (1935-2014)



NIKI PAPAGIORCOPULO, B. A. (HONS)

Nhar l-1 ta' April 2014 tħabbret il-mewt ta' Mons. Ġużepp Busuttil, li aħna lkoll konna nsibuh bħala Dun Ġużepp. Bil-mewt tiegħu nistgħu ngħidu li spiċċat era fil-Parroċċa ta' San Ġiljan, era li fiha għexna madwar kleru li fin-nukleu tiegħu kellu għadd ta' saċerdoti veterani li ffurmaw is-sinsla ta' din il-parroċċa. Ftit qabel fil-fatt, tlifna lill-Kanonku Dun Karm Calleja, u qablu ħallewna Fr Philip Demarco, Dun Furt Axiaq, u Dun Anton Sciberras.

Dun Ġużepp Busuttil twieled fis-6 ta' Novembru 1935. Missieru kien it-Tabib Antonio Busuttil u ommu kienet Maude neè Schranz. Flimkien ma' ħutu Mary, Helen, Tessie, Lina, Jane (li kienet mietet), Victor u Bessie, huma kienu jgħixu Tas-Sliema. Għal xi żmien missierhom kellu jagħti s-servizz tiegħu ta' tabib ġewwa Ħad-Dingli. Iżda wara l-gwerra huwa ġie bil-familja joqgħod San Ġiljan, fid-dar li sal-lum għadha f'idejn uħud mill-aħwa ta' Dun Ġużepp, f'Telgħet Birkirkara, id-dar li minnha ħareġ għall-aħħar darba l-imsemmi Dun Ġużepp biex ikun rikoverat fl-isptar għall-aħħar ġranet ta' ħajtu.

Dun Ġużepp kien ordnat saċerdot fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann nhar is-7 ta' April 1962. Kien żmien sabiħ għall-Knisja Maltija meta l-ordinazzjonijiet kienu jsiru bit-tużżani. Fil-fatt dakinhar ma' Dun Ġużepp kienu ordnaw ukoll Dun Ġwann

Galea, wieħed mill-kappillani li kellha din il-parroċċa, kif ukoll, Dun Emanuel Agius, il-Kanonku Dun Joseph Attard, Mons. Ġwann Azzopardi (li għadu sal-lum jieħu ħsieb il-Mużew Wignacourt fir-Rabat), Dun Arthur Barbara, Dun Ġużepp Berry, il-Kanonku Dun Joe Bugeja, Patri Mark Camilleri OFM CAp, Mons. Joe Carabott, Dun Pawl Caruana, il-Kanonku Dun John Ciarlò, il-Kan. Teol. Dun Victor Cilia, Mons. Vinċenz Deguara, Mons. Annetto Depasquale (li kien ukoll Vigarju Ġenerali għal snin twal, sakemm ħalla dan il-wied tad-dmugħ), Mons. Lawrenz Gatt, Dun Ġużepp Grech Cremona, Dun Alfred Micallef, Dun Ġużepp Mifsud, Mons. Ġużepp Mifsud Bonnici, Dun Ġużepp Pace, Dun Antoine Said, Patri Karlu Tonna OFM, Dun Alfred Xuereb, Dun Ġwann Xuereb, u Dun Karm Zammit.

Dun Ġużepp Busuttil kien qaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-parroċċa tagħna nhar il-5 ta' Awwissu 1962. Għal din l-okkażjoni Dun Anton Sciberras kien kitiblu poeżija tal-okkażjoni li aħna qed inġibu fi tmiem dan l-artiklu. Huwa dejjem ħadem fil-għalqa tal-Mulej ġewwa San Ġiljan, fejn kien iqaddes kemm fil-Knisja l-Antika (ta' Lapsi) kif ukoll fil-ġdida. Huwa kien jagħti wkoll is-servizz tal-qrar u f'xi żmien kien jgħin lill-kappillan fit-tberik. F'żgħożitu kien ukoll delegat tal-aspiranti tal-Fergħa tal-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika.

Iżda Dun Ġużepp kellu xogħol ieħor importanti lil hinn mill-parroċċa tagħna. Huwa studja kemm fl-Università ta' Malta kif ukoll barra minn Malta. Kien lecturer tal-Grieg u tal-Latin fl-Università ta' Malta, u eventwalment sar wieħed mil-Latinisti ewlenin ta' pajjiżna. Huwa ħadem ukoll bħala arkivista fil-Kurja Arċiveskovili, fil-fatt dan ix-xogħol baqa' jagħmlu sakemm kien għadu f'saħħtu.

Il-Parroċċa ta' San Ġiljan hija onorata li kellha lil Dun Ġużepp Busuttil bħala wieħed mis-saċerdoti tal-kleru tagħha. Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.



Dun Ġużepp Busuttil f'dan ir-ritratt tal-epoka jidher bl-ilbies saċerdotali komplut: is-suttuna sewda bi tlieta u tletin buttuna li jfakkru s-snin li dam f'din id-dinja Sidna Ġesù Kristu, il-muzzetta fuq l-ispallejn, il-faxxa ma' qaddu, il-kullar madwar għonqu, u *saturno* fuq rasu. Dun Ġużepp kien ordnat saċerdot fi żmien ta' barka għall-Knisja Maltija, meta s-saċerdoti kienu jilħqu bit-tużżani, u meta dawn is-saċerdoti ma kinux joqogħdu lura milli jilbsu l-abiti li kienu denji tal-uffiċċju qaddis li huma għażlu li jwettqu.